



---

*Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit*

---

**2017/0219(COD)**

23.11.2017

# **ABBOZZ TA' POŻIZZJONI FIL-FORMA TA' EMENDI**

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (COM(2017)0481 – C8-0307/2017 – 2017/0219(COD))

Għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit: Ingeborg Gräßle (president)

PA\_LegPosition

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(11a) Il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-kompetenzi tal-UPPE huwa limitat għal reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'konformità mar-Regolament li jstabbilixxi l-Uffiċċju. Il-kompiti tal-UPPE għalhekk jenħtieġ li jkunu li jinvestiga, iħarrek u jressaq quddiem il-ġustizzja lill-awturi ta' reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni skont id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017<sup>1a</sup> u ta' reati, li huma marbutin b'mod intrinsiku magħhom.**

---

<sup>1a</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Premessa 11b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(11b) Bil-għan li tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament rigward il-finanzjament u n-nefqa tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u rigward**

*kwistjonijiet oħra, jeħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' kontroll effettivi. Għal dak il-għan, l-Awtorità, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni neċessarja kollha. Huma għandhom jaqblu wkoll dwar arranġamenti prattiċi li jinkludu xi regoli komuni dwar kif għandhom jiġu protetti l-informaturi. Jenħtieġ li tiġi promossa wkoll il-kooperazzjoni reċiproka fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat il-kontroll effettiv u effiċjenti tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt nazżjonali applikabbli. L-involvement tal-OLAF u l-UPPE fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni huwa meħtieġ meta jkun irid jingħata segwitu għad-deċiżjoni tal-Awtorità.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**

Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014

Artikolu 25 – paragrafu 7a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Fl-Artikolu 25, jiżdied il-paragrafu li ġej:*

*(7a) Meta jitwettqu reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017, fi Stat Membru wieħed jew aktar li jkunu qed jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE, l-UPPE għandu jissejjaħ biex iewttaq investigazzjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru xxx/xxxx [ĠU, jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament dwar l-UPPE];*

## Emenda 4

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014

Artikolu 28 – paragrafu 2

*Test fis-seħħ*

(2) Għandhom jaqblu wkoll dwar arranġamenti prattiċi għal tali skambju ta' informazzjoni, inklużi r-regoli rigward l-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali jew evidenza u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri.

*Emenda*

**(5a) Fl-Artikolu 28, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

(2) Għandhom jaqblu wkoll dwar arranġamenti prattiċi għal tali skambju ta' informazzjoni, inklużi r-regoli rigward l-iżvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali jew evidenza, **il-protezzjoni tal-informaturi** u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014

Artikolu 28 – paragrafu 4

*Test fis-seħħ*

(4) L-Awtorità għandha tinforma lill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe deċiżjoni li tkun haċet fir-rigward ta' sanzjonijiet, bil-għan li tippermettilu jislet il-konsegwenzi xierqa skont ir-Regolament Finanzjarju.

*Emenda*

**(5b) Fl-Artikolu 28, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

(4) L-Awtorità għandha tinforma lill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew dwar kwalunkwe deċiżjoni li tkun haċet fir-rigward ta' sanzjonijiet, bil-għan li tippermettilu jislet il-konsegwenzi xierqa skont ir-Regolament Finanzjarju. **Fejn xieraq, l-awtorità għandha tinforma wkoll lill-OLAF u lill-UPPE, sabiex daww il-korpi jkunu jistgħu jipproċedu bl-investigazzjoni rilevanti kif meħtieġ;**

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5c (ġdid)

Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014

Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

Fl-eventwalità ta' tali terminazzjoni, il-pagamenti mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu limitati għan-nefqa ***eliġibbli realment imġarrba*** mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea sad-data meta d-deċiżjoni ta' terminazzjoni tidħol fis-seħħ.

***(5c) Fl-Artikolu 30(2) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

Fl-eventwalità ta' tali terminazzjoni, il-pagamenti mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu limitati għan-nefqa ***rimborsabbli mġarrba*** mill-partit politiku Ewropew jew ***in-nefqa eliġibbli mġarrba*** mill-fondazzjoni politika Ewropea sad-data meta d-deċiżjoni ta' terminazzjoni tidħol fis-seħħ.

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenza għal nefqa rimborsabbli hija l-espressjoni użata fl-Artikolu 204g tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 17, 4 u 5 tar-Regolament Nru 1141/2014, u hija l-kunċett adegwat biex jintuża fl-irkupru.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 2a**

***Madankollu, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom ikompli japplikaw fil-verżjonijiet oriġinali tagħhom għall-atti magħmula, u l-impenji meħuda, fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew għas-sena baġitarja 2018.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali; Il-proċeduri li tnedew diġà fl-2017 għandhom jiġu soġġetti għar-Regolament eżistenti qabel ma jiġi rivedut.*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej
<b>Referenzi</b>	COM(2017)0481 – C8-0307/2017 – 2017/0219(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO 2.10.2017
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CONT 2.10.2017
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Ingeborg Gräbġe 16.10.2017
<b>Rapporteur għal opinjoni sostitut(a)</b>	Ingeborg Gräbġe
<b>Data tal-adozzjoni</b>	26.10.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 17 –: 7 0: 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nedzhmi Ali, Jonathan Arnott, Inés Ayala Sender, Ryszard Czarnecki, Dennis de Jong, Ingeborg Gräbġe, Cătălin Sorin Ivan, Jean-François Jalkh, Arndt Kohn, Georgi Pirinski, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Petri Sarvamaa, Claudia Schmidt, Bart Staes, Hannu Takkula, Indrek Tarand, Derek Vaughan, Tomáš Zdechovský
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Richard Ashworth, Brian Hayes, Andrey Novakov, Julia Pitera
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Paul Denanot

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>11</b>	<b>+</b>
ALDE	Nedzhmi Ali, Hannu Takkula
PPE	Ingeborg Gräßle, Brian Hayes, Andrey Novakov, Julia Pitera, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Petri Sarvamaa, Claudia Schimdt, Tomáš Zdechovský
Greens	Bart Staes

<b>7</b>	<b>-</b>
S&D	Inés Ayala Sender, Jean-Paul Denanot, Cătălin Sorin Ivan, Arndt Kohn, Georgi Pirinski, Derek Vaughan
ENF	Jean-François Jalkh

<b>5</b>	<b>0</b>
ECR	Richard Ashworth, Ryszard Czarnecki
EFDD	Jonathan Arnott
GUE/NGL	Dennis de Jong
Greens	Indrek Tarand

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni